VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012
Taqsima B

A.L. 37 tal-2012

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-ħruġ ta' Euro 150,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(1)(a) u 6(1) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħareġ din id-Direttiva:-

Titolu.

1. It-titolu ta' din id-direttiva hu Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-ħruġ ta' Euro 150,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

Ħruġ ta' *Stock*.

2. Għandu jinħareġ ammont ta' Euro 150,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:

(a) 4.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (III) *Fungibility Issue*, u

(b) 4.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2022 (II), u

(ċ) 5.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2031 (I), *Fungibility Issue*, jew

(d) f'ammonti mit-tliet *Stocks* imsemmija hawn qabel b'valur nominali flimkien ta' Euro 150,000,000.

Mod tal-Ħruġ ta' *Stocks*.

3. Il-ħruġ ta' *Stocks* ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

4. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim tal-i*Stocks* isir kif hemm spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

5. (1) Taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(2) Fis-6 ta' Mejju, 2012 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(1)(a) u (b), kull ammont allokat fl-4.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (III) FI jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock* u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

(3) Fil-15 ta' Mejju, 2012 wara l-pagament tal-ewwel imgħax,

kif muri fl-artikolu 7(2)(a) u (b), kull ammont allokat fl-4.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2022 (II) jiġi integrat u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

(4) Fis-16 ta' Marzu, 2012 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(3)(a) u (b), kull ammont allokat fil-5.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2031 (I) F.I. jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock* u wara jitqies bħala Stock wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

6. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stocks* imsemmija flimkien tkun ta' Euro 150,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'ammont ta' mhux iżjed minn Euro 150,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

7. (1) L-imgħax bir-rata ta' Euro 2.125 għal kull Euro 100, tal-4.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (III) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-6 ta' Mejju u fis-6 ta' Novembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri l-perjodu bejn is-6 ta' Frar, 2012 u l-5 ta' Mejju, 2012 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fis-6 ta' Mejju, 2012;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b'irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn id-9 ta' Frar, 2012 u l-5 ta' Mejju, 2012 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fis-6 ta' Mejju, 2012.

(2) L-imgħax bir-rata ta' Euro 2.150 għal kull Euro 100, tal-4.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2022 (II) jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-15 ta' Mejju u fil-15 ta' Novembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri l-perjodu bejn is-6 ta' Frar, 2012 u l-14 ta' Mejju, 2012 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fil-15 ta' Mejju, 2012;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b'irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn id-9 ta' Frar, 2012 u l-14 ta' Mejju, 2012 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fil-15 ta' Mejju, 2012.

(3) L-imgħax bir-rata ta' Euro 2.600 għal kull Euro 100, tal-5.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2031 (I) jitħallas kull sitt xhur b'lura

fis-16 ta’ Marzu u fis-16 ta’ Settembru ta’ kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri l-perjodu bejn is-6 ta’ Frar, 2012 u l-15 ta’ Marzu, 2012 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fis-16 ta’ Marzu, 2012;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b’irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn id-9 ta’ Frar, 2012 u l-15 ta’ Marzu, 2012 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fis-16 ta’ Marzu, 2012.

Fidwa ta’ *Stock*.

8. (1) L-4.25% *Stock* tal-Gvern ta’ Malta 2017 (III) jiġi mifdi b’parità fis-6 ta’ Novembru, 2017.

(2) Il-4.3% *Stock* tal-Gvern ta’ Malta 2022 (II) jiġi mifdi b’parità fil-15 ta’ Mejju, 2022.

(3) Il-5.2% *Stock* tal-Gvern ta’ Malta 2031 (I) jiġi mifdi b’parità fis-16 ta’ Settembru, 2031.